# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 142/2018

**Il-Pulizija**

**vs**

**Wayne Fenech**

Seduta tal-10 ta' Settembru, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Wayne Fenech, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 500176M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Ghax-xhur ta' Novembru u Dicembru 2017 f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kisru l-istess disposizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat naqas li jaghti lil Alice Cutajar, is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu u/jew martu, fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-26 ta' Marzu, 2018 li biha sabet lill-imputat hati w kkundannatu ghal xahar prigunerija;

Rat ir-rikors ta' Wayne Fenech, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-27 ta' Marzu, 2018, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti jogghobha tirrevoka, thassar, tvarja u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lir-rikorrenti hati, tirriformaha ghal dik li hija l-piena nflitta ta' xahar prigunerija u dan billi taghti piena aktar xierqa u gusta ghac-cirkostanzi. L-appellant talab li fil-kaz li tkun konfermata din is-sentenza, jkun jista' jintbaghat fl-Isptar Monte Carmeli minflok il-Facilita' Korrettiva ta' Kordin in vista tal-istat tas-sahha tieghu;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet lill-kwerelanta bil-gurament;

Semghet lid-difensur tal-appellant u lill-Avukat Generali;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant interpona appell mis-sentenza tal-ewwel Qorti ghaliex hassu aggravat bid-decizjoni sia dwar is-sejbien ta' htija kif ukoll dwar il-piena kominata. Minkejja dan, jidher illi l-lanjanza tal-appellant tirrigwarda il-piena erogata. Din il-Qorti m'ghandhiex

ghalfejn toqghod tipprova tindovina xi tkun il-lanjanza u t-talba ta' appellant ghaliex dawn huma hwejjeg li ghandhom ikunu vizibbli b'mod car u inekwivoku. Dan qed jinghad ghaliex filwaqt illi l-appellant, naturalment tramite l-avukat difensur tieghu, jghid li jhossu aggravat mis-sentenza ta' htija u mill-piena u jaghti ragunijiet ghaliex ma kellux jinstab hati, finalment jitlob lil din il-Qorti "*tirrevoka, thassar, tvarja u tirriforma s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lir-rikorrenti hati tal-akkuzi migjuba kontrih, tirriformaha ghal dik li hija l-piena nflitta ta' xahar prigunerija u dan billi taghti piena aktar xierqa u gusta ghac-cirkostanzi*";

2. Illi t-talba tal-appellant hija wahda konfuzjonarja ghall-ahhar u li ma kienx ghall-emendi introdotti bl-Att I tal-2018, rikors konsimili kien ikun possibilment soggett ghal ezitu infelici. Ghalkemm l-imsemmi att emenda l-artikolu 419 tal-Kodici Kriminali billi nehha l-piena ta' nullita' fejn si tratta *inter alia* tat-talba ghat-tahsir jew tibdil tas-sentenza kif ukoll fl-artikolu 520 li jaghmel applikabbli l-artikoli tal-Kodici ta' Organizzazzjoni ta' Procedura Civili, ma jfissirx b'daqshekk illi l-appellant, ossia l-avukat difensur tieghu, jista' juri daqstant apatija u nuqqas ta' struzzjoni fil-ligi billi jixhet b'daqstant leggerezza dak kollu li jigi f'rasu fir-rikors tal-appell biex imbaghad il-Qorti tara hi x'tista' testrapola minnu. L-agir tad-difensur tal-appellant imur oltre billi azzarda jakkludi dokumenti godda mar-rikors tal-appell tieghu minghajr il-permess preventiv tal-Qorti skond id-dispost tal-artikolu 424 tal-Kodici Kriminali;

3. Ventilat dan, u minghajr ebda dell fuq l-appellant inniffsu, din il-Qorti ser tghaddi biex taghmel il-kunsiderazzjonijiet taghha sia dwar is-sejbien ta' htija kif ukoll dwar il-piena u dan ai termini tal-artikolu 143 (4) tal-Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta applikabbli bl-artikolu 520 (1)(c) tal-Kapitolu 9 li jiddisponi li talba ghat-thassir tinkludi talba ghat-tibdil tas-sentenza;

4. L-appellant jargumenta illi huwa ma kellux jinstab hati ghaliex kien fl-impossibilita' li jahdem u kien fl-impossibilita' konsegwenzjali li jhallas il-manteniment dovut lill-kwerelanta skond l-imputazzjoni li dwarha instab hati. Mill-verbal tal-udjenza tas-26 ta' Marzu, 2018 quddiem l-ewwel Qorti jemergi illi ix-xhieda tal-prosekuzzjoni kienu PC 855 u l-kwerelanta. Fl-istess udjenza, id-difiza ddikjarat li ma kellhiex provi. Dan ifisser li l-appellant ma xehedtx, kif kellu kull dritt li jaghmel, izda jfisser ukoll illi ma jistghax issa jistenna li jattakka d-decizjoni tal-ewwel Qorti fuq il-premessa li din ma tatx id-debita konsiderazzjoni ghall-istat ta' sahha tieghu;

5. Din il-Qorti semghet lill-kwerelanta tixhed illi l-appellant mhux qed ihallas manteniment u hemm proceduri pendenti sabiex inaqqas l-ammont minhabba li marad. L-appellant ma jikkomunikax maghha minkejja diversi tentattivi u minn xi zmien 'l hawn waqaf kompletament milli jhallas xi forma ta' manteniment. Fuq dawn il-fatti, l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghal-konkluzzjoni li wasslet ghaliha u ghalhekk din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tiddisturba dik id-decide;

6. Kwantu l-appell jikkoncerna l-piena, huwa ormai principju stabilit illi din il-Qorti, *qua* Qorti ta' Appell, ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti sakemm ma jkun hemm xejn x'jiddemostra li l-piena ma kienitx fil-parametri tal-ligi u kellha tkun anqas jew aktar minn dik fil-fatt kominata. F'dan il-kaz il-piena ta' prigunerija ta' xahar kienet fil-parametri tal-ligi la darba si tratta u kien misjub hati ta' reat kontinwat ex artikolu 18 tal-Kapitolu 9. Dak li hu ta' thassib ghal din il-Qorti hu li jekk l-appellant ikun inkarcerat ghall-perjodu ta' xahar, dan ser ikollu l-effett illi probabilment jerga' jkum moruz fil-hlas tal-manteniment li jmiss naturalment ghaliex ma jkollu ebda possibilta' li jahdem sabiex josserva l-obbligi tieghu. Ghal dan il-ghan biss, din il-Qorti qed tikkontempla riduzzjoni fil-piena ghaliex hekk biss jista' jkun

milhuq l-iskop tal-legislatur fil-promulgazzjoni tal-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali intiz biex jaghmel pressjoni fuq kull hu obligat li jhallas il-manteniment ordnat mill-Qorti jew milhuq *ex contractu* bejn il-partijiet;

7. Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddisponi minn dan l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti li fiha l-ewwel Qorti sabet lill-appellant hati, tirrevokaha f'dik il-parti li biha kkundannatu ghal-xahar prigunerija u minflok tikkundannah ghal-terminu ta' tlett gimghat prigunerija. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-iskont tal-piena fl-Isptar Monte Carmeli stante mankanza ta' provi ghal- tali htiega.